**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 231/2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Francis Larry Sciberras**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Francis Larry Sciberras, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 536789M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-gżejjer, bejn Ġunju 2018 u Diċembru 2019, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tiegħu ta' surġent tal-Pulizija bin-numru tas-servizz PS 853:

1. Irrenda ruħu kompliċi ta' frodi billi b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera' ħaga b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda anqas minn ħames elef euro (€5000), għad-dannu ta' Transport Malta u/jew Infrastructure Malta u/jew l-Korp tal-Pulizija u /jew entitajiet oħra;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bi ħsara ta' ħaddieħor, irrenda ruħu kompliċi ta' frodi nnominata billi għamel xi qligħ b'qerq ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda anqas minn ħamest elef euro (€5000) ghad -dannu tal-istess entitajiet;
3. Irrenda ruħu kompliċi fl-għoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew tagħrif falz lil Awtorita' Pubblika, kif ukoll kompliċi fl-użu tal-istess dikjarazzjonijiet foloz;
4. U aktar talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, sar ħati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Jannar 2024, fejn il-Qorti, ma sabitx lil Francis Larry Sciberras ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u konsegwentement illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fil-5 ta' Frar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati skond l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, aggravat bis-sentenza appellata, l-Avukat Ġenerali jilmenta mill-apprezzament żbaljat tal-liġi u tal-provi li l-Ewwel Qorti għamlet u jisħaq li abbażi tal-istess, kellu jkun evidenti illi l-appellat kien komparteċipi fil-frodi li kien qed jiġi perpetwat fuq skala wiesgħa fit-Taqsima tal-Pulizija tas-Sezzjoni tat-Traffiku fejn kien qed jintalab ħlas indebitament ta' xogħol *extra duty* li ma jkunx ġie mwettaq, bl-appellat innifsu jitħallas *ex admissis* ta' xogħol li effettivament qatt ma kien eżegwixxa. Fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, dan kien evidenti, *inter alia,* mill-messaġġi skambjati fuq iċ-ċellulari ta' min kien involut f'din il-konġura kriminali, li kien jixhed il-*modus operandi* adoperat sabiex ikun mwettaq ir-reat, li l-Ewwel Qorti, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali

malament skartat. Kienet evidenti fuq kollox, jisħaq l-Avukat Ġenerali, il-ħtija tal-appellat minn korrispondenza eżebita in atti (a fol.216) li intbagħet mill-ispettur PierGuido Saliba, l-allegat moħħ wara dan il-frodi. Jkompli jisħaq illi din l-operazzjoni setgħat titwettaq bil-parteċipazzjoni ta' kull min kien involut meta dawn il-pulizija kienu jkopru lil xulxin sabiex jkun attwat il-patt kriminuż li kien fuq saqajh. Bl-istess mod jikkontendi jirriżulta ir-reat imfassal fl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali u dan meta l-appellat kien qed jagħmel dikjarazzjoni falza kull meta kien qed jitlob ħlas għal xogħol li kien jaf li ma wettaqx.

Illi, dan il-każ ra t-twelid tiegħu lura fis-7 ta' Frar 2020, meta fiġġew allegazzjonijiet fil-konfront ta' diversi membri tas-Sezzjoni tat-Traffiku fi ħdan il-Korp tal-Pulizija dwar *inter alia* ħlas għal xogħol *extra duty* li qatt ma twettaq u skartar minn fuq il-post tax-xogħol, serq ta' fjuwil, dikjarazzjonijiet foloz dwar skorti ta' *towing* ta' dgħajjes u *cranes*, kif ukoll abbuż dwar tickets ta' kontravvenzjonijiet u *protection money* mgħoddija lil ċertu uffiċjali tal-pulizija mis-settur tal-*construction*. Irriżulta li fost dawn id-diversi uffiċjali nvoluti, allegtament kien hemm ukoll l-appellat Francis Larry Sciberras, li kien surġent fil-Korp tal-Pulizija bin-numru tas-servizz PS 853, li madanakollu jinsab mixli biss in konnessjoni ma' ħlas ipperċepiet indebitament għal xogħol *extra duty* fejn hu dejjem innega l-involviment tiegħu f'dawn l-akkużi. B'hekk huwa kien mixli bil-kompliċita fill-kummissjoni tar-reat tal-frodi taħt l-Artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll dak tal-kompliċita' f'dikjarazzjonijiet foloz skont kif hemm maħsub fl-artikolu 188 tal-Kap.9.

L-Ewwel Qorti illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet lilu addebitati wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> **Illi applikat dan l-insenjament għall-fatti tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti, minnufih tosserva illi l-Prosekuzzjoni naqset għal kollox milli tressaq prova kif imiss tal-ingann ossia r-raġġiri u manuvri li ġew impjegati mill-imputat biex jipperswadi lil ħaddieħor biex jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li minħabba fiha sofra telf bi qligħ korrispondenti għalih. Jekk skont il-Prosekuzzjoni – għaliex fis-sottomissjonijiet tagħha naqset milli tfisser x'hiex jikkonsistu l-artifizzji li ntużaw għall-perpretazzjoni tal-frodi – dawn il-manuvri intiżi għall-ingann tal-vittma jikkonsistu fid-dokument tad-*detail* u jew fil-ħruġ tal-fatturi lill-klienti fejn intalab il-ħlas ta' servizz li**

seta' mhux dejjem ingħata b'mod sħiħ jew imwettaq skupolożament skont l-istruzzjonijiet mogħtija, dan mhux biżżejjed biex jikkostitwixxi l-apparat estern li huwa meħtieġ bħala element essenzjali tar-reat ta' truffa.

Ibda biex mhux kontestat illi l-fatturi għall-ħlas tas-servizz ta' *extra duties* rikjesti mill-klienti, fosthom Infrastructure Malta u Transport Malta, ma nħarġux mill-imputat: dan hu affermat mill-Uffiċjal Prosekutur li fix-xhieda tagħha qablet li l-imputat ma kienx iffirma l-fatturi li nħarġu lill-klient għall-ħlas. Jirriżulta wkoll illi d-dokument tad-*detail* kien jinħareġ minn PS 83 Alexandra Galea Sillato. Huwa minnu illi kif ingħad, l-imputat waqt il-ħin tal-*extra duty* mhux dejjem kien jinsab fil-post fejn kellu jkun stazzjonat skont id-*detail*, iżda m'hemm ebda prova kwalsiasi fil-proċess illi l-imputat kien f'konfoffa biex jonqos mid-doveri tiegħu, ma' min kien inkarigat bil-proċess tal-ħruġ tad-*detail* jew il-fatturi għall-ħlas tal- lill-klienti.

B'mod speċifiku jingħad illi ma nġabitx prova li kien hemm xi komunikazzjoni u kuntatt bejn l-imputat u Norman Xuereb - l-allegat moħħ wara din il-konfoffa – fir-rigward tal-mod kif ikun ġie dettaljat jew ikun inħadem l-*extra duty* tiegħu, jew li ngħata xi istruzzjonijiet biex ma jirrapportax għax-xogħol, jew jaqdi doveri ta' *extra duty* waqt il-ħin normali tax-xogħol, jew jaqdi dmirijiet oħrajn mhux relatati mad-*detail* tal-*extra duty* allokat lilu matul il-ħin tal-*extra duty* (fejn qed jiġi allegat li l-imputat ma kienx fuq il-post indikat skont id-*detail*).

Il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni huma fjakki wisq biex isawru f'moħħ il-Qorti l-konvinċiment illi l-imputat kien parti minn skema maħsuba biex tqarraq lill-Korp tal-Pulizija jew lill-klient li jkun talab is-servizzi tal-Pulizija fuq bażi ta' *extra duty*, billi tingħata informazzjoni falza intiża biex tiżvija jew tipperswadi lil dak li jkun biex iħallas għal servizz li fir-realta' ma kienx qed jingħata mill-imputat u jew minn xi uffiċjali oħrajn tal-Pulizija mit-Taqsima tat-Traffiku. Dan ifisser li l-kompliċita' asserita mill-Prosekuzzjoni m'hijiex ippruvata.

Dan ifisser li hi nieqsa l-prova ta' xi komplott jew ko-ordinazzjoni bejn l-imputat u terzi biex iqarrqu bil-Korp tal-Pulizija jew il-klienti li talbu għas-servizz ta' *extra duty*, u biex jagħmlu qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor. Għall-Qorti dan kollu jfisser li l-kompliċita' asserita mill-Prosekuzzjoni m'hijiex ippruvata.

Il-Qorti żżid tgħid ukoll illi l-fatt li seta' kien qed jiskarta waqt il-ħin ta' *extra duty* jista' jfisser biss illi l-imputat minflok wettaq dmirijietu, baqa' passiv, iżda żgur ma jfissirx li b'daqshekk ħoloq xi messa in xena biex jinganna lill-Korp tal-Pulizija u jew lill-klient biex jemmnu li s-servizz kien qed jiġi prestat, jew għamel użu minn raġġiri jew artifizji li skont il-ġurisrudenza paċifika in materja, jikkostitwixxu element materjali tar-reat ta' truffa li mingħajr prova dwaru ma tistax tinstab ħtija. Fil-każ in diżamina, il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi u dokumenti kollha proċesswali, ma

riskontrat imkien xi prova il l-imputat asserixxa xi ħaġa falza u jew għamel b'xi azzjoni maħsuba din il-falzita' tingħata xejra ta' leġitimita.

Dan qed jingħad ukoll għaliex ma jirriżultax illi l-imputat kien jiffirma *time sheet* jew dokument ieħor b'indikazzjoni qarrieqa jew falza tal-ħin li jkun irrapporta fuq is-sit, u l-ħin li jkun telaq minn fuq il-post jew ma baqax iwettaq dmirijiet ta' *extra duty*, u li abbażi tad-dokument kien jinħareġ l-*invoice* għall-ħlas tal-*extra duties*. Kif ingħad qabel, id-dokument tad-*detail* tal-*extra duties* tas-Sezzjoni tat-Traffiku kien jinħadem mis-Surġent Alexandra Galea Sillato mingħajr prova li l-imputat kellu xi involviment fil-proċess tat-tħejjija ta' dan id-dokument jew fl-allokazzjoni tal-*extra duties* waqt il-ħin tax-shift normali. In segwitu, il-fattura għall-ħlas kienet tintbagħat minn PS 1437 Norman Xuereb wara l-prestazzjoni tas-servizz, u ma saritx prova li f'dan kollu Norman Xuereb aġixxa bix-xjenza pożittiva li l-imputat ma kienx tassew ħadem il-ħin kollu tal-*extra duty* dettaljat lilu, jew abbażi ta' xi konfoffa bejn l-imputat u l-imsemmi Norman Xuereb.

Għalhekk, in-nuqqas tal-imputat li jirrapporta fuq il-post speċifikat għall-fini ta' *extra duty* puntwalment jew għall-ħin kollu allokat għall-*extra duty*, m'huwiex biżżejjed waħdu mingħajr prova tal-użu ta' apparat estern li jipperswadi lill-vittma tar-reat jemmen li ma kien hemm ebda nuqqas. Kif diġa' ngħad, ma kienx l-imputat il-persuna inkarigata bil-ħruġ tal-fatturi għall-ħlas tal-*extra duty* u fin-nuqqas ta' xi prova oħra li torbtu mal-ħruġ ta' *invoices* lill-klient għall-ħlas ta' servizz li jista' jkun ma ngħatax kif imiss, jew prova oħra li turi li l-imputat kien f'konfoffa mal-persuna li ħarġet dawn il-fatturi biex ma jwettaqx id-detail tal-*extra duty* kif imiss, jonqos l-element tal-ingann kif ukoll tal-messa in xena bl-użu ta' apparat estern.

....

Minn dan kollu il-Qorti ma tistax teskludi jew ma tqisx bħala probabbli l-verżjoni illi l-imputat iċċaqlaq minn post għal ieħor jew mill-post speċifikat (fixed point/duties), minħabba struzzjonijiet li kienu jiġu mogħtijia lilu, kif *del resto* jirriżulta mix-xhieda ta' Frederick Azzopardi u Clint Axisa, jew għaliex kien fuq ronda (patrol). Dan ifisser illi l-prova li l-imputat ma ħadimx l-*extra duty* skont id-*detail* m'hijiex konklussiva għaliex il-preponderanza tal-provi turi illi x-xogħol dettaljat lill-imputat ma kienx ta' natura statika.

....

...hu mankanti l-element tat-telf patrimonjali għas-soġġett passiv tar-reat b'riżultat ta' xi qerq imwettaq mill-awtur tar-reat ta' frodi ("bi ħsara ta' ħaddieħor"). Kif stabbilit qabel, ir-reat ta' frodi jeħtieġ l-eżistenza ta' ħsara ekonomika lis-soġġett passiv u f'dan il-każ, il-Qorti tistenna illi jekk tassew is-soġġett passiv sofra telf patrimonjali, dan jiġi ppruvat bix-xhieda tal-istess soġġett passiv. Iżda fil-każ li għandha quddiemha, l-uniku vittma potenzjali tar-reat xehed li ma sofra ebda danni u qatt ma ħass li kellu jitlob ir-rifużjoni

ta' xi ħlasijiet li wettaq lill-Korp tal-Pulizija għas-servizz provdut stante illi huwa kien sodisfatt bis-servizz.

Evidentement, il-Korp tal-Pulizija nnifsu ma jistax jitqies li huwa s-soġġett passiv tar-reat jew li sofra xi telf patrimonjali b'riżultat tan-nuqqasijiet tal-uffiċjali tiegħu, mhux biss għaliex m'hemm ebda prova li huwa ġie mitlub jirrimborsa jew effettivament irrifonda lill-klienti tiegħu il-ħlasijiet kollha li perċepixxa minn Infastructure Malta in linea ta' *extra duty* – li jfisser li dawn il-pagamenti żammhom għalih – iżda tabilħaqq għaliex huwa u talab u rċieva mingħand l-imputat odjern rifużjoni tal-ħlasijiet qed jiġi allegat li sarulu indebitament għal xogħol ta' *extra duty* li ma ġiex imwettaq jew ma ġiex ipprestat kif imiss.

Għall-Qorti, il-fatt illi l-Korp tal-Pulizija aċċetta rifużjoni mingħand l-imputat ta' ammonti li qed jallega li jirrappreżenta qligħ b'qerq, mingħajr ma ttrasmetta dawn l-ammonti lil Transport Malta jew Infrastructure Malta, ifisser ukoll li l-Korp għamel arrikkiment indebitu. Ma jirriżultax mix-xhieda x'sar mill-pagament li għamel l-imputat fis-somma ta' €3711.90 in linea ta' rimbors tal-ħlas ta' *extra duty* allegatament mhux maħdum skont id-*detail,* iżda hu eskluż mix-xhieda ta' Frederick Azzopardi li dan ġie rifuż lil Infrastructure Malta.

In konklużjoni, il-Qorti tosserva illi jekk il-provi proċesswali, fosthom id-*datatrack locations* tal-mutur assenjat lill-imputat u l-*localisations* tat-telefon ċellulari tiegħu, juru illi l-imputat ġie mħallas indebitament għaliex kien skarta jew naqas milli jeżegwixxi d-doveri dettaljati lilu fuq bażi ta' *extra duty*, dan jagħti lok għal jedd ta' azzjoni ċivili għar-rifużjoni ta' ħlas għal servizz li ma ġiex ipprestat bi ksur tal-obbligu kontrattwali relevanti. Mingħajr, iżda, provi addizzjonali li jistabbilixxu wkoll li l-imputat għamel dan il-qligħ b'riżultat ta' qerq u ingann adoperat minnu, il-prova waħedha ta' skartar minn fuq il-post tax-xogħol mhux biżżejjed għal sejbien ta' ħtija għar-reat ta' frodi.

….

Il-Qorti, kif ġie kkunsidrat, aktar qabel, tqis illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement li l-imputat għamel dikjarazzjoni falza jew ta tagħrif falz dwar il-ħidma tal-*extra duties* li kienu dettaljati lilu. Dan qed jingħad għaliex ma nġiebet ebda prova li l-imputat kien jagħmel dikjarazzjonijiet foloz tal-ħin li jkun irrapporta għax-xogħol, u jew il-ħin li jkun telaq minn fuq il-post jew ma baqax iwettaq dmirijiet ta' *extra duty*, inkluż f'xi dokument, li abbażi tagħhom jiġi komputat, jew jintużaw biex jiġi komputat, l-ammont dovut mill-klient. Minn ezami tal-provi proċesswali l-Qorti fehmet illi skont is-sistema li kienet titħaddem fir-rigward tal-*extra duty*, il-fattura għall-ħlas li kienet tinħareġ in segwitu għall-prestazzjoni tas-servizz, kienet tinħareġ mhux mill-imputat iżda minn terzi mingħajr, iżda, ma ġie ppruvat kif imiss li dan sar jew kien isir bil-kompliċita' tal-imputat Francis Larry Sciberras skont kif maħsub fid-

**dispożizzjonijiet tal-artikolu 42 tal-Kap. 9. Kif diġa' ġie stabbilit, ma jirriżultax li l-imputat kellu ebda involviment fil-ħruġ tal-fatturi għall-ħlas tal-*extra duty*, anke dawk li qed jiġi allegat li kien fihom dikjarazzjonijiet foloz jew tagħif falz dwar il-ħinijiet ta' ħidma ta' *extra duty*.**

Illi din il-Qorti iċċitat estensivament il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tillibera lill-appellat mit-tlett reati lilu addebitati għaliex huwa indubitat illi s-sentenza appellata għamlet esposizzjoni erudita mhux biss tal-elementi ta' dritt li jsawwru t-tlett reati ikkontemplati fl-artikolu 308, 309 u 188 tal-Kodiċi Kriminali, iżda abbinat sewwa dawn l-elementi mal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni u wasslet għal konklużjoni illi dawn il-provi ma kenux b'saħħithom biżżejjed sal-grad meħtieġ fil-liġi għal sejbien ta' ħtija u dan għaliex l-elementi ewlenija li jsawwru dawn ir-reati ma kenux ippruvati suffiċjentement.

Illi, jibda' biex jingħad illi l-appellat qed jiġi akkuzat fil-vesti tiegħu bħala kompliċi u dana fit-termini tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, fejn allura kien meħtieġ għal Prosekuzzjoni qabel xejn tressaq il-provi illi kien hemm 'l hekk imsejjaħ *common design* bejn l-awtur jew l-awturi tar-reati u l-kompliċi tiegħu/tagħhom li b'xi mod wassal għal xi forma ta' assistenza fit-twettiq tar-reat, jew b'xi mod ieħor kienet imsaħħa il-volonta' tal-perpetraturi biex jikkomettu ir-reat f'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi elenkati fil-liġi u ċioe' li:

**(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew**
**(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew**
**(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew**
**(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew**
**(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.**

Illi, hekk f'ritenut fis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti nhar 28 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Matthew Portelli & Lucia Taliana":-

**... huwa biss f'dawk iċ-ċirkostanzi hemmhekk menzjonati illi titwieled r-reita' fil-kompliċi, ħati daqs l-awtur, għall-kummissjoni tar-reat. Illi dwar il-prova neċessarja biex tirriżulta l-imputazzjoni ta' kompliċita' f'reat imwettaq minn persuna oħra huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li jrid jirriżulta sodisfaċentement ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-persuna mputata (i) kienet taf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hija deliberatament għenietu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamlet xi haġa li tinkwadra f'wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali.**

<u>L-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali</u>

Illi, l-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellat hija dik tal-frodi jew "truffa" ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali li kif spiss affermat mill-ġurisprudenza iridu jikkonkorru s-segwenti elementi:

**Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulħadd.**

**Fit-tieni lok il-Leġislatur aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem li jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.**

**Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:-**

**(a) b'mezzi kontra l-liġi; jew**

**(b) billi jagħmel uzu t'ismijiet foloz; jew**

**(c) ta' kwalifiki foloz; jew**

**(d) billi jinqeda b'qerq ieħor; u**

**(e) ingann; jew**

**(f) billi juri haga b'ohra sabiex iġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz; jew**

**(g) ta' ħila;**

**(h) setgħa fuq ħaddiehor; jew**

**(i) ta' krediti immaġinarji; jew**

**(j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika,**

**jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddiehor[1].**

[1] "<u>Il-Pulizija vs Joseph Attard et</u>" deċiza nhar is-6 ta' Ottubru 2015

Illi, fis-sentenza tas-27 ta' Mejju 1975 mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Rex vs Victorio Azzopardi (Vol. XXIX – IV – p.398) dik il-Qorti ċċitat estensivament minn *Chaveau et Helie* u anke minn sentenzi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Parigi biex tispjega li hu neċessarju li biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti w li hu necessarju li jkunu mpjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dik il-kawza ssemmiet ukoll is-sentenza Regina versus Giuseppe Galea tat-12 ta' Mejju 1887 fejn gie stabbilit illi:

> ***"che per costituire la frode sotto la disposizzione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessaria la concorrenza fi ambedue i mezzi menzionati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti".***

Illi, dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna fejn senjatament l-kompjant Imħallef W. Harding fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Nikol Bonnici" datata 27 ta' Mejju 1944, irritiena –

> **"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha..... waslet ghal konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck deciza fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi "*quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falsa, ma richiede inoltre che siano state imegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' neccessario quindi che la falsita' assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto e dalla fede*."**

Illi, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Carmelo Cassar Parnis" deċiza fil-31 ta' Ottubru 1959 il-Qorti rriteniet illi:

> **"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskritittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera w b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu, affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' laffermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Il-Ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra ssemplici luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita' ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-Dritt Franciz mise en-scene."**

Illi, l-istess interpretazzjoni ġiet adoperata fil-kawza "Il-Pulizija vs Schreiner" deċiza fit-3 ta' Marzu 1956 u fil-kawza "Il-Pulizija vs Gerald Portelli" deċiza fis-7 ta' April 1956 fejn ġie ritenut illi kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun, fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo:

> **"... element essenzjali fir-reat tat-truffa hija l-konsenja tal-oggett u fiz-zmien meta l-imputat kien qed jipprova jikkonvinci lil Busuttil li mhux ser ikun hemm problemi dwar hlas li kien diga' dovut minhabba li kien qieghed jistenna flus biex jithallas minghand haddiehor, il-konsenja diga' saret".**

Illi, fis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti, deċiza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charles Zarb", intqal hekk dwar l-element formali –

> "**Kwantu jirrigwarda l-element formali, cjoe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun bi profitt inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."**

Illi, *in oltre*, dwar l-element materjali, il-Qorti fl-istess decizjoni appena ċċitata spjegat li r-raggiri jew artifizzji (messa in xena) jridu jkunu manuvri "**ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza ... li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi**".

Illi, għalhekk, maghdud dan kollu, il-Qorti tqies illi irid, għalhekk, jkun stabbilit illi l-appellat, bl-uzu ta' raġġiri u artifizji, ġiegħel lill-parti leża tiżvesti ruħha minn ammont sostanzjali ta' flus b'tali mod illi hija ġiet ingannata.

**<u>L-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali</u>**

Illi, it-tieni mputazzjoni addebitata lill-appellat hija dik tal-frodi innominat u dana ai termini tal-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali Illi, f'dan ir-reat, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, huwa mankanti l-element tar-"*raġġiri*" jew l-"*artifizji*", u għalhekk anke semplici gidba hija bizzejjed għall-kummissjoni ta' dana r-reat. Madanakollu, kien minn dejjem ritenut li dina l-gidba sempliċi trid bilfors twassal sabiex il-parti leża tar-reat issofri xi telf patrimonjali.

**Ikkunsidrat**:

Illi, affermati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali u legali, l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tara jekk l-istess setatx legalment u raġonevolment tgħaddi sabiex tillibera lill-appellat mill-ewwel zewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Illi, jibda biex jingħad illi mill-provi prodotti jirriżulta li dan il-każ huwa wieħed biss minn ħafna li jiffurmaw parti minn allegat ċirku ta' frodi fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, b'din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, trid tqis unikament dawk il-provi li jikkonċernaw lill-appellat u xejn aktar.

Illi, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-11 ta' Frar 2020, wara li l-appellat ingħata d-drittijiet tiegħu skond il-liġi, huwa stqarr li ilu fil-korp għal dawn l-aħħar 29 sena u ilu stazzjonat fis-sezzjoni tat-*traffic* għal sitt snin. Spjega li huwa jaħdem b'sistema ta' xifts skond ma jkun hemm imniżżel fid-*detail*, kif ukoll li jagħmel xogħol *extra* skont kif ikun imissu. Spjega li kien hemm tnejn minn nies li kienu jieħdu ħsieb dan *id-detail*, senjatament WPS83 Sandra Galea Sillato u PS1437 Norman Xuereb. Mistoqsi kif kien jirrikonċilja tal-*extra* ma' kull paga mal-ħinijiet li jkun ħadem, l-appellat wieġeb:–

> *"**Għamilna zmien tiġi karta mill-uffiċċju ta' fuq (registry) li jkun fiha ta' xiex tħallast imma qisu 6 xhur ilu 'l hawn saret tidħol bl-email. Jien nara l-karta u jekk ikolli records inqabbel magħhom**"*.

Di fatti rrizulta li l-appellat kellu djarju fejn kien izomm ir-*records* tiegħu, iżda spjega li *"**...jista' jkun fih xi dati li jiena ma nizziltx**"*.

Illi, fir-rigward l-*extra duty* li kien jagħmel mat-Transport Malta, l-appellat spjega li kien "***iċempilli ġeneralment Norman għax hu jagħmel d-detail tal-extra u jgħidli biex immur bzonnijiet oħra li jkollhom l-Infrastructure Malta li huma mħallsin mill-istess dipartiment***".

Kompla jispjega li "***ikun hemm diversi ħinijiet. Mhux dejjem l-istess ikun requirements differenti, daqqa santa venera għal proġett, skond fejn ikunu qegħdin jagħmlu l-proġett l-infrastructure malta***". Mitlub jispjega kif kien qed jitħallas ta' xogħol li hu suppost kien qed jagħmel fil-Marsa met minflok jidher li kien qiegħed għal-ħinijiet twal band'oħra, huwa jwieġeb li "***Jiena roaming inkun indur bir-radio mixawl u jekk jinqala' xi ħaġa mmur***" u li "***l-extra tagħna m'għandiex xi punt partikolari, aħna noqgħodu nduru***". Mitlub jispjega kif waqt l-*extra duty* li kellu nhar it-8 ta' Frar 2019, huwa immarka li qiegħed il-Fgura fejn joqgħod flok Ras Ħanzir fejn kellu jkun, huwa wieġeb, "***Jista' jkun iva, jekk inlesti d-dar immur jien għax skorta. Ġieli meta jkollna skorta nċempillhom lill-individwu u mmur***". Mistoqsi jispjega l-episodju tal-5 ta' Marzu 2019, ċioe' kif beda *extra duty* fis-2pm meta suppost spiċċa xogħol fis-2:30pm, huwa wieġeb "***Bl-amment ma nafx. Naf li ġieli nitlaq niekol qabel. Jekk taraw l-extra jien minix tal-ħadid ġieli mmur id-dar u nzomm ir-radio jekk nisma' xi ħaġa ninzel***". Mistoqsi dwar is-6 ta' April fejn tħallas ta' xogħol *extra duty* li għamel fil-Qawra meta fir-realta' kien qiegħed skorta mal-President ġewwa Għawdex, huwa wieġeb "***Jiena x'jagħmel ħaddieħor ma nafx. Fis-7 zejtun morna president u għamilna ta' filgħaxija overtime***". Jisħaq li l-*invoices* Norman Xuereb kien jagħmilhom u hu ma kienx ikun jaf x'hemm fl-istess.

Illi, mistoqsi dwar ġranet oħra fejn deher lejn il-Fgura, l-appellat jgħid li jista' jkun ikun mar qadja jew niżel sad-dar pero' dejjem kien iħalli lil ħaddieħor ikoprih. Mistoqsi jekk kienx konxju li kien qed jitħallas tal-*extra duty* meta ma kienx jagħmel dan ix-xogħol huwa jwieġeb "***Jiena ma nagħtix kas, mhux se noqgħod niċċekja siegħa siegħa***". Jgħid ukoll li għalkemm kien hemm okkażjonijiet fejn ma kienx ikun fuq il-post, kien xorta waħda jkun *stand-by*. Jispjega ukoll li l-flus kienu jinġabru minn Sandra Galea Sillato u Norman Xuereb u li hu kien jitħallas tal-*extra duty* kull xahrejn jew tlieta "***skond meta jikkexja jgħidilna Norman***".

Illi, huwa jinnega li x-xogħol kien isir minn uffiċjali li kienu jkunu *on duty* u jinnega li huwa qasam flus ma' ħaddieħor, jew li qatt ħa flus fuq l-idejn. Huwa jinnega ukoll li kien involut fil-frodi marbuta mal-kontravenzzjonijiet u mal-kuntratturi tal-bini. Jinnega ukoll li kien hemm pressjoni fuqu li meta jagħti l-*fuel* lill-vettura tax-xogħol, jiġed 5 litri lura minn kull 10 litri li jitfa'. Dwar il-kuntratturi tal-bini huwa jgħid li:–

> *"**Tmur bid-detail ikollok il-contact number, iċċempillu u tara fix-xħin u fejn qegħdha t-triq. Il-ħlas ma nieħux ħsiebu jien**"*.

Dwar l-*extra duty* li kienet tirrigwarda it-*towing* ta' dgħajjes, huwa ikkonferma li kien għamel skorta f'dan is-sens darba waħda biss u spjega li din ukoll kienet assenjata bid-*detail* u li l-individwu kien għadda l-ħlas ta' €36.73 lilu u hu kien għaddiehom lil Sandra Galea Sillato. Ikompli igħid li mhux normali li l-flus jingħataw lilu direttament u l-ħlas kien isir permezz ta' cekk indirizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija jew jitħalla 'blank', jew inkella kien jitħallas bi flus kontanti. Dwar l-*extra duty* għassa mal-*cranes* u s-siti tal-kostruzzjoni huwa jispjega li, *"**nara d-detail, dejjem ikollna contact, inċempel l-individwu li jaf ikun ezempju s-sid tad-dar u jaf ikun kuntrattur mhux dejjem l-istess. Immur fuq il-post nagħmel il-ħin tiegħi. Ġieli nlestu qabel u jgħidulna daqshekk**"*. Illi, huwa reġa' saħaq li l-ġbir tal-ħlas li kien ikun dovut kien jieħu ħsiebu Norman Xuereb li mbagħad kien igħaddielhom il-pagament li kien ikun dovut lilu.

Illi, l-appellat irrilaxxja stqarrija oħra datata 12 ta' Frar 2020 fejn huwa jerġa' jafferma li dwar l-*extra duty* li kien jagħmel ma' Transport Malta, *"**kont immur skond id-detail u kont nkun roaming u ġieli kienu jinbidlu l-instructions mingħand Norman skond l-esiġenzi li jkollhom bzonn dik il-ġurnata**"*. Jispjega li hemm differenza bejn *extra duty* ma' Transport Malta u *extra duty* ma' oħrajn;

> *"**Id-differenza bejn Transport Malta u oħrajn, hemm 2 tipi ta' extra li wieħed trid tkun static ma tistax tiċċaqlaq. VAT Department tkun trid tintaqa' magħhom fuq il-post u jgħidulna l-ismijiet u fejn jagħzlu huma"**.*

Huwa jerġa' jgħid ukoll li s-sigħat li jkun ħadem *extra duty* ma jkunux jidhru fil-*payslip*. Jisħaq ukoll li hu ma kienx izomm *records* tax-xogħol extra duty li jkun għamel u li qatt ma irċeva xi ħlas indebitament. Jerġa jgħid li r-*return* tiegħu tal-*extra duty*, kien jippreparaha Norman Xuereb u li ma kellux aċċess għar-rendikont ta' dawn ix-xogħolijiet. Jispjega ukoll li d-*detail* mingħand Norman Xuereb kien jirċeviha fuq l-

imejl personali tiegħu. Illi, l-appellat jammetti ukoll li kien neħħa d-*Datatrack* minn fuq il-mutur tax-xogħol tiegħu għax *"**il-bozza bdiet tnemnem**"*, iżda ma kien avża lil ħadd dwar dan u lanqas ħa ħsieb jerġa' iwaħħalha.

Illi, l-appellat irrilaxxja it-tielet stqarrija tiegħu nhar it-13 ta' Mejju 2020 fejn reġa' saħaq li hu ma kienx joqgħod *static* imma kien joqgħod idur fil-madwar ta' fejn ikun stazzjonat, pero' dana dejjem bir-*radio* mixgħul u *on call.* Mistoqsi min kien jagħtih l-ordnijiet, huwa wieġeb *"**Kienu jċemplu lil Norman u Norman jgħid lilna. Qas l-ispetturi.**"* Mistoqsi dwar l-imejl li kienet intbagħtet lill-Pulizija stazzjonati sezzjoni tat-*traffic*, inkluż lilu, mill-iSpettur PierGuido Saliba, l-appellat wieġeb li dik l-*email* kienet biss fir-rigward tar-*rush hour* meta jkun hemm volum kbir ta' *traffic.*

Illi, dina l-*email* surreferita, mibgħuta nhar it-23 t'Awwissu 2019 kienet taqra hekk: -

> ***This email is being sent with specific instructions to clarify the extra duty with IM-TM at Marsa lights. All personnel detailed at Marsa lights to perform extra duty are to remain at Marsa lights in the area of the CCTV located in the area without fail. Traffic management duties are to be performed by assisting the traffic flow conveying through the lights and movement outside of the vision of the CCTV is to be kept at a minimum and only to mark a collision or to assist in the immediate area. That is from the lights up to shyntll RA or Triq Garibaldi or Sare RS or Sufarini RA. No transit further than the area mentioned in this email is to be performed under no circumstances. If assistance is needed outside this area, the duty mc's are to be requested to assist. The undersigned does not believe that there will be the need to explain this another time, however if any queries arise on the matter, they can be addressed to the undersigned. May the undersigned remind one and all that the IM extra duty is the most frequent and sought after extra duty and that if IM seeks to require extra duty this will be for all duties performed with IM and this will as anyone can check affect all those who perform extra duty in a negative manner. Extra*** **tajba nibzghu ghaliha ghax jekk tintilef ma nergghux ingibuha lura. Nahseb li kulhadd għandu jifhimni.**

Illi, jirriżulta mit-testimonjanza ta' Maria Geraldine Farrugia li l-ammont ta' *extra duty* li tħallas għalihom l-appellat bejn is-sena 2018 sa 2019 kien ta' €13,464.42. Jirriżulta ukoll mit-testimonjanza tal-Uffiċjal Prosekutur li l-ammont ta' qliegħ allegatament illegali perċepit bħala riżultat tal-kommissjoni tar-reati addebitati lill-appellat kien dak ta' €3,711.90, liema ammont ġie mħallas lura mill-istess appellat.

Illi, mix-xhieda tal-Inġinier Fredrick Azzopardi, in rapprezentanza ta' *Infrastructure Malta*, irriżulta, mbagħad, illi meta kienu jsiru *meetings* mall-Pulizija, preżenti kien

dejjem ikun hemm Norman Xuereb. Ukoll, l-istess Xuereb kien dak li kien jieħu ħsieb l-*invoicing*. L-Inġinier Azzopardi xehed li kien hemm okkazzjonijiet fejn kien ġibed l-attenzjoni ta' Xuereb li kienu qed jirċievu ilmenti li ma kienx qed ikun hemm pulizija stazzjonati fejn suppost kellhom ikunu ġewwa l-Marsa.

Illi l-espert tal-informatika Alvin Cardona jikkontendi illi huwa ma setax jeżamina iċ-ċellulari tal-appellat billi dan kien illokjat u xi komunikazzjoni li seta' għamel tista' toħroġ biss minn xi *whatsapp group chats* li tagħhom għamel estrazzjoni minn cellulari appartenti lill-pulizija oħra li kienu qed jiġu indagati flimkien mal-appellat.

Illi, finalment, il-PL Quentin Tanti li kien l-espert inkarigat sabiex jispezzjona l-mutur tas-servizz tal-appellat, u ċioe' dak bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP706, ikkonkluda li tali mutur ma kellu l-ebda *leakages* u li l-magna tal-*fuel* kienet ikkalibrata kif suppost. Huwa kkonkluda ukoll li "**Il-konsum indikat fis-sistema tal-Fleet Web ma jikkombaċix mar-rizultat tat-test li sar fuq dan il-mutur, b'varjazzjoni ta' 3.96km għal kull litru fuel li hija 'il fuq mill-*allowable variance***".

Illi, minn din l-evidenza, jemerġi illi l-appellat kien jagħmel xogħol *extra duty* ta' diversi tipi, għalkemm jidher li n-nuqqas li dwaru huwa mixli jikkonċerna biss l-*extra duty* li huwa kien għamel ma' Transport Malta/ Infrastructure Malta meta kien qed isir il-proġett ta' bini ta' toroq u *fly-overs* fil-Marsa. Huwa jisħaq li dan ix-xogħol *extra* li kien ikollu ma kienx jirrikjedi li jkun fuq il-post b'mod fiss, imma seta' joqgħod idur fil-viċinanzi u jkun *on call*. Issa kemm mit-testimonjanza tal-Inġinier Azzopardi kif ukoll mid-*details* eżebiti jidher li kien hemm *extra duty* partikolari li kien "*fixed*". Dan kien propju l-*extra duty* li kien isir mat-*traffic lights* tal-Marsa u li anke fid-*detail* huwa mnizzel bħala "*fixed*". Dan huwa kkorroborat aktar mil-kontenut tal-imejl mibgħuta mill-iSpettur Saliba fejn ta ordni speċifika sabiex ***"All personnel detailed at Marsa lights to perform extra duty are to remain at Marsa lights in the area of the CCTV located in the area without fail".*** Huwa pależi għal din l-Qorti li dina l-imejl intbagħtet peress li kienet inġibdet l-attenzjoni minn *Transport Malta* li ma kienx qed ikun hemm il-pulizija assenjati fuq il-post u li jekk dan ma kienx ser ikun rimedjat, kien hemm il-possibilita' rejali li dana l-*extra duty* ma jibqax isir, għad-detriment ta' kull min kien involut. Madanakollu jibqa' l-fatt li hemm prova ċara li l-pulizija kienu

nfurmati li waqt dina t-tip ta' *extra duty*, huma kellhom jkunu fuq il-post u mhux "*roaming*".

Illi, għalhekk, fir-rigward dan l-*extra duty* "*fixed*" mat-*traffic lights* tal-Marsa, hemm provi bizzejjed li l-appellat ma kienx qed jaqdi dmiru kif suppost. Jirriżulta mid-*detail* li huwa kien assenjat *extra duty* f'dan il-post diversi drabi u jirriżulta ukoll mill-*localisations* li huwa ma kienx qed ikun fuq il-post waqt dan il-ħin. *In oltre*, huwa ammetta ukoll fl-istqarrijiet minnu mogħtija li huwa kien qed ikun "*roaming*" għalkemm isostni li ma kien qed jagħmel xejn ħazin b'daqshekk. Dan l-iskartar minn fuq il-post tax-xogħol seħħ f'iktar minn okkazzjoni waħda u li l-appellat kien ben konxju ta' dak li qed jagħmel. Dwar l-*extra duties* l-oħra, din il-Qorti ttenni li ma tressqet l-ebda prova konkreta fir-rigward tal-appellat li huwa kien qed jirċevi xi flejjes indebitament għal xogħol *extra* li ma jkunx eżegwixxa.

Illi, l-appellat jikkontendi illi l-element intenzjonali ai fini tal-kommissjoni tar-reati lilu addebitati huwa nieqes u dan għaliex jikkontendi li ma kellux intenzjoni jipperpetwa xi forma ta' ingann tant illi anke radd lura il-flejjes li seta' irċeva indebitament. Illi l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni illi ma kienx hemm provi suffiċjenti li jindikaw li l-imputat, llum appellat, kien konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt li għamel u wkoll li kien adopera xi maniġġi, raġġiri jew gideb biex jagħmel dan.

Jibda biex jingħad illi kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, l-provi miġjuba fil-konfront tal-appellat huma għal kollox skarsi u mankanti, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Avukat Ġenerali. Kif intqal aktar 'il fuq, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta illi n-nuqqas riskontrat fl-esekuzjoni tax-xogħol *extra duty* kien jikkonċerna il-"*fixed*" *extra*s mal-*lights* tat-*Transport Malta*, u dana dejjem fil-każ li jikkonċerna l-appellat. Ma jirriżultax lanqas, almenu mill-provi prodotti, li l-ammont ta' "*fixed*" *extra* li kellu assenjat l-appellat kien xi wieħed kbir, tant illi jekk seħħ xi qliegħ dan kien wieħed li jirrendi kredibbli dak li jikkontendi l-appellat meta jisħaq li ma kienx induna bil-*quantum* zejjed fil-*payslip* tiegħu. Irriżulta ukoll illi l-ħlas minn għand il-klijent qatt ma kien ipperċepit direttament minnu, iżda mis-surġent Xuereb, li mbagħad minn naħa tiegħu kien iqassam il-ħlasijiet.

Issa il-Prosekuzzjoni ma tressaq ebda prova illi kien hemm xi ftehim pre-ordinat bejn dan Xuereb u l-appellat sabiex ikun ipperpetwat dan il-frodi, kif lanqas jirriżulta illi kien hemm xi ftehim bejnu u bejn xi pulizija oħra, li allegatament kienu jkopru lil xulxin fil-qadi ta' dmirijiethom sabiex ikunu jistgħu jipperċepixxi xi ħlasijiet żejda. Illi il-messaġġi li l-Avukat Ġenerali jistrieħ fuqhom u li kienu estratti, mhux miċ-ċellulari tal-appellat, iżda ta' pulizija oħra, għalkemm jistgħu jipprovdu xi indizju ta' dak li x'aktarx kien qed iseħħ, madanakollu bħala prova ċirkostanzjali waħedha ma tista' qatt toffri dik l-unoviċita' li trid il-liġi sabiex l-awtorita' ġudikanti isejjes il-ħtija fuqha fil-konfront ta'l-appellat. U għalhekk għalkemm jista' jinsorġi xi suspett mill-mod kif kien qed jeżegwixxi d-doveri tiegħu l-appellat, meta dan ma kienx qed iseħħ kif dirett mis-superjuri tiegħu, madanakollu b'daqshekk ma jistax jingħad illi huwa kien komparteċipi u kompliċi fit-twettiq ta' din l-allegata frodi fuq skala masiċċa mill-uffiċjali tal-pulizija addetti mas-Sezzjoni tat-Traffiku billi kif ingħad, ebda prova ma toħloq ness bejn l-*invoices* u id-dikjarazzjonijiet li kien qed jagħmel is-surġent Xuereb u l-appellat, jew xi ness bejn l-appellat u xi maniġġi li allegatament kienu fis-seħħ bejn il-pulizija adetti mas-sezzjoni tat-*traffic*. U allura għalkemm jista' jkun hemm suspett minn dawn il-ftit provi li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha, u li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, illi l-appellat seta' kien konxju ta' dak li kien għaddej madwaru, madanakollu ma hemmx provi suffiċjenti li jippuntaw lejn il-kompliċita' minnu f'xi qerq, maniġġi, gideb jew ingann intiżi biex jagħmel qliegħ indebitu għad-dannu tal-vittmi tiegħu. Illi, mbagħad, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti ma jidhirx illi l-allegati vittmi tar-reat u ċioe' Transport Malta, Infrastructure Malta jew il-Kummissarju tal-Pulizija sofrew xi telf patrimonjali konsegwenza ta' dan il-frodi, u dan għaliex l-istituzzjonijiet li effettivament ħarrġu l-flus sabiex dawn igħaddu għand il-Korp tal-Pulizija u ċioe' Transport Malta u Infrastructure Malta qatt ma lmentaw li għamlu xi ħlasijiet li ma kenux dovuti u meta ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija illi f'xi okkazzjonijiet kienu indunaw bl-assenza ta' pulizija fuq il-post, dan in-nuqqas kien rimedjat minnufih u għalhekk ma ressqu ebda talba sabiex jieħdu xi flus lura għal xi servizz li ma kienx lilhom mogħti. Mhux biss, iżda L-Inġinier Azzopardi jikkontendi illi kien hemm okkazzjonijiet fejn kellhom bżonn xi assistenza oħra mhux miftiehma mill-pulizija li dawn koprew mingħajr ħlas *extra* u kwindi, iktar u iktar,

isostni dan ix-xhud, ma kien hemm ebda telf patrimonjali minn naħa tal-vittma. Jikkonsegwi għalhekk illi l-Qorti ma issib xejn x'tiċċensura fil-konkluzjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Għalhekk, l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju ventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-liġi fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat.

Illi, it-tielet imputazzjoni addebitata lill-appellat tikkonċerna ir-reat imfassal fl-Artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali:–

> **Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa.**

Illi, anke hawn ma hemm ebda prova in atti li remotament tindika illi kien l-appellat li għamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew li ta tagħrif falz. *Se mai* kienet terza persuna li allegatament kienet tieħu ħsieb l-*invoices* u d-dokumentazzjoni li bihom ġew mitluba l-ħlasijiet lill-parti leża, u mhux l-appellat, li kien jirċevi biss il-ħlas lilu dovut mal-paga tiegħu. Għalhekk, anke fir-rigward ta' dan ir-reat, ma hemm xejn sindikabbli fid-deċizjoni tal-Ewwel Qorti.

Illi, ġaldarba l-appellat ma nstabx ħati ta'l-ewwel tlett mputazzjonijiet jikkonsegwi illi lanqas l-aħħar imputazzjoni ma tisa' tirriżulta, u għalkemm l-Avukat Ġenerali jargumenta li l-appellat kien jaf b'din l-iskema frawdolenti li kienet għaddejja u li għalhekk kellu d-dmir li jwaqqafha, madanakollu dan l-aġir, jew din l-ommissjoni minn naħa tiegħu ma jikkostitwiex ir-reat ikkontemplat, għaliex qabel xejn l-appellat kellu jinstab ħati ta' xi reat, fatt li ma seħħx billi huwa kien illiberat mill-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati. U bil-fatt illi huwa seta kien konxju tal-kummissjoni ta' dawn ir-reati, iżda ma kienx komparteċipi fihom, ma jwassalx għal xi ħtija għas-sempliċi motiv li huwa naqas milli jinforma lis-superjuri tiegħu b'dak li kien għaddej, billi dan fih innifsu ma jikkostitwixxi ebda reat u semmai jista' fl-agħar

ipoteżi iwassal għal xi passi dixxiplinari internament fi ħdan il-Korp u xejn iżjed. Għalhekk, anke fir-rigward ta' dan ir-reat, l-Ewwel Qorti kienet legalment u raġonevolment korretta meta lliberat lill-appellat mill-istess. Jikkonsegwi li anke dan l-aggravju tal-Avukat Ġenerali qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**